# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-30 TA' NOVEMBRU, 2023**

**Kawża Numru: 1**

**Rik. Ġur. 272/2004 RGM**

**Edwin Portelli**

**v.**

**Jack u Inez Serra u b'digriet tat-18 ta' April, 2008, stante l-mewt ta' Inez Serra, l-atti ġew trasfużi f'isem Jack Serra, Julienne Blackman, Lilian Musillami u Josephine Urapni; u b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2015, stante l-mewt ta' Jack Serra, l-atti ġew trasfużi f'isem Julienne Blackman u Margaret Pace u l-ulied mhux magħrufa ta' Mary Maggiulli li b'digriet tat-23 ta' Marzu, 2015 huma rappreżentanti mill-kuraturi deputati Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo.**

**Il-Qorti**

1. Permezz tal-kawża odjerna l-attur Edwin Portelli talab lill-qorti (1) tiddikjara li l-konvenuti huma debituri tiegħu fl-ammont li jirrappreżenta l-ħlas dovuti lilu ai termini ta' artikolu 2 tal-iskrittura privata tat-28 ta' Marzu, 2001; (2) tillikwida l-ammont hekk dovut lill-attur mill-konvenuti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; (3) tiddikjara li l-konvenuti unilateralment u abbużivament eskludew lill-attur mill-ġestjoni tan-negozju kostitwit bejniethom; (4) tiddikjara li dan l-aġir tal-konvenuti ikkawża danni lill-attur, għal liema danni huma unikament responsabbli l-konvenuti; (5) tillikwida d-danni sofferti mill-attur, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur is-sommom likwidati favur tiegħu skont it-tieni u l-ħames talbiet.

2. Qabel ressaq dawn it-talbiet l-attur ippremetta illi hu u l-konvenuti jiġġestixxu neġozju t' importaturi u kummerċjanti, li huwa regolat bi skrittura privata datata tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu elfejn u wieħed (2001); Illi ai termini ta' atrikolu 2 ta' l-iskrittura, il-*commissions* kollha ġenerati min-negozju b'effett mill-ewwel (1) ta' Jannar elfejn u wieħed (2001) 'il quddiem kellhom jinqasmu in kwantu għal nofs favur l-attur u nofs favur il-konvenuti, kif l-istess kellhom jinqasmu l-ispejjeż inkorsi fit-tmexxija tan-negozju; Illi sussegwentement il-konvenuti unilateralment u abbużivament eskludew lill-attur mill-ġestjoni tan-negozju; Illi l-attur interpella lill-konvenuti jgħaddu għall-likwidazzjoni u ħlas ta' sehmu mill-*commissions* a tenur ta' artikolu 2 ta' l-imsemmija skrittura, flimkien ma' l-imgħaxijiet legali, u interpellahom ukoll sabiex ineħħu kull impediment abbużivament magħmul minnhom għat-tmexxija konġjunta kif mifthiema bl-istess skrittura; illi l-konvenuti baqgħu inadempjenti u ikkawżawlu d-danni.

3. Illi permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet[1] il-konvenut Jack Serra laqa' għat-talbioet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti: (1) id-domandi attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-assenjazzjoni li kienu għamlu l-partijiet kienet soġġetta li l-attur jagħmel ix-xogħol kollu billi l-konvenut illum għandu tmienja u disgħin sena. Illi oltre li kellu jirriżenja mill-Bank Ċentrali fejn kien impjegat biex jiddedika l-attivita tiegħu kollha għal assoċjazzjoni, fil-fatt ma rriżenjax u waqqaf l-attivita tiegħu kollha għal assoċjazzjoni, fil-fatt ma rriżenjax u waqqaf l-attivita tiegħu fit-tmexxija tal-azjenda u li (2) Inez Serra mietet fil-mori tal-kawża.

4. Illi permezz ta' nota ta' eċċezzjonijiet mressqa mill-konvenut Jack Serra u Alfred Serra[2] laqgħu għat-talbiet attriċi billi resqu l-eċċezzjonjiet segwenti: (1) qua eredi tad-defunta Inez Serra, huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju peress li l-istess Inez Serra kienet totalment estranea għal kull ftehim li jirrigwarda negozju li kien jagħmel il-konvenut Jack Serra; (2) illi mingħajr preġudizzju għal dak hawn eċċepit, l-attur waqaf mill-attivita tiegħu f'din l-assoċjazzjoni lura fis-sena 2002, u dan hekk kif juru ittri ġia eżebiti, u kull ħlas li qed jippretendi wara dik id-data żgur mhuwiex dovut, peress li malli waqaf mill-attivita, a bażi ta' l-istess ftehim, sehmu mill-assoċjazzjoni mar lura fuq isem il-konjuġi Jack u Inez Serra; (3) illi dejjem mingħajr preġudizzju għal dak hawn eċċepit skont l-istess artikolu 2 tal-ftehim t'assoċjazzjoni imsemmi mill-attur, l-istess attur ma għandu jieħu l-ebda ħlas, għajr is-sehem tal-kummissjonijiet li saru dovuti wara d-data ta' l-1 ta' Jannar, 2001, iżda pero li n-negozju għalihom kien sar qabel dik id-data. Dan l-istess artiklu fil-fatt, ma jkopri l-ebda negozju li kien sar wara l-imsemmija datata; (4) salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

---

[1] Fol 14 tal-proċess
[2] Fol 50 tal-proċess

5. Fuq talba tal-partijiet sabiex perit komputista nominat preċedentement jiġi sostitwit b'perit legali possibbilment mgħejjun b'espert tekniku, din il-Qorti diversament presjeduta b'digriet tad-9 ta' Diċembru, 2010[3] innominat lill-Avukat Dr Vincent Galea bħala perit legali minflok il-perit komputista.a spejjeż provviżorjament ta' l-attur.

6. Rat il-provi kollha imressqa mill-partijiet, ir-relazzjoni peritali ippreżentata fis-16 ta' Frar, 2023; kif ukoll ir-risposti għad-domandi in eskussjoni.

7. Rat in-noti ta' osservazzjonijiet ippreżentati mill-partijiet qabel ir-relazzjoni peritali.

8. Rat l-atti kollha.

9. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

10. **Provi Dokumentarji**

- Il-ftehim ta' assoċjazzjoni datat 28 ta' Marzu, 2001[4]

- Ittra datata 21 ta' Ottubru, 2002[5]

- Ittra datata 11 ta' Novembru, 2002[6]

- Ittra datat 21 ta' Novembru, 2002[7]

[3] Fol. 57 tal-proċess
[4] Kopja a fol. 6 tal-proċess
[5] Kopja a fol 16 tal-proċess
[6] Kopja a fol 17 tal-proċess
[7] Kopja a fol 18 tal-proċess

- Dokument ossia rendikont ta' kummissjonijiet li irċeviet id-ditta Jack H Serra anness mal-affidavit tal-attur.

**Fatti Rilevanti.**

11. L-attur qed jitlob li l-konvenuti Serra jiġu kkundannati iħallsuh numru ta' kummissjonijiet li l-attur jgħid li huma lilu dovuti bis-saħħa ta' ftehim bejnu u bejn il-konvenuti Jack H Serra u martu Inez Serra, illum it-tnejn defunti, li kien iffirmat fit-28 ta' Marzu 2001. Dan il-ftehim ġie konkluż wara li l-attur kien ilu is-snin jagħmel xogħol lill-konvenut fuq bażi part-time. Jirriżulta li l-konvenut Jack Serra kien jaħdem bħala aġent tal-kummerċ taħt isem ditta "Firm Jack H Serra" li kienet tappartjeni esklussivament lill-konvenuti Serra. Din ma kenitx xi soċjeta' reġistrata taħt il-liġi tal-kumpaniji iżda kienet 'trade name'. Għalhekk il-ftehim imsemmi ma hux xi trasferiment ta' ishma f'negozju imma għandu aktar karattru ta' assoċjazzjoni jew konsortzju.

12. Permezz tal-ftehim tat-28 ta' Marzu, 2001 ffirmat quddiem in-Nutar Dr Joseph Brincat, Portelli u Serra ftehmu kif ġej:

> "....by virtue of which the said Jack H Serra and Inez Serra constitute as equal associate, in the share of one half undivided the said Jack and Inez Serra and one half undivided the said Edwin J Portelli, in the Firm "Jack H Serra" being an unregistered Association and of which up to this day the said Jack H Serra and his wife Inez Serra are the sole owners, under the following terms and conditions:
>
> 1. With a validity and effect as from the first (1st) January 2001.

2. All commissons due after such date, but resulting from business transactions, made prior to that date, are to be divided equally as well as all and any expenses made in connection with the normal day to day running of the Firm, are also to be shared equally between the two associates.

3. If Edwin J. Portelli ceases to remain active in the running of the Firm, the other partner Jack H Serra and his wife Inez Serra will resume full ownership of the Firm. Jack H Serra will, however, retain full ownership of his share during his lifetime and the lifetime of his wife, and this independently of whether he remains active or not; after the death of the survivor of the couple, Edwin Portelli will become the full owner of the one half share of the couple without payment.

4. All accounts of the Firm are to be vetteed regularly by the Firm's accountant every year.

5. The Firm will continue to use its offices at 151 Fleur de Lys Road, Birkirkara, but this is to be considered as a commodatum given to it by the Serra couple, the owners of the premises, as as a mere tolerance, and can be reclaimed by the said Serra couple anytime they deem appropriate with a pre-notice of two months."

13. Jidher illi għall-ewwel ftit xhur l-affarijiet bejn il-partijiet kienu mexjin tajjeb. Il-problemi bdew jinħolqu peress illi skond il-konvenut Jack Serra, parti mill-ftehim kien li l-attur jieqaf mill-impieg tiegħu mal-Bank Ċentrali sabiex ikun jista' jiddedika l-ħin tiegħu ħalli jkabbar l-attivita' kummerċjali li kienu issa jiġġestixxu flimkien. L-attur dwar dan ma jaqbilx u jemfasizza illi fuq il-ftehim iffirmat minnhom ma kienx hemm din il-kondizzjoni.

14. L-affarijiet bejniethom bdew jeskalaw tant li fil-21 ta' Ottubru 2002 il-konvenut Serra bagħat ittra legali lill-attur fejn fakru li kien ħallih jidħol fid-ditta sabiex jieħu rwol attiv fin-negozju ħaġa li skond Serra ma seħħitx. Dik l-ittra tkompli tgħid illi l-attur kien wiegħed li ser jirriżenja mill-impieg full-time tiegħu mal-Bank Ċentrali, wegħda li skond Serra l-attur ma żammx magħha. Għalhekk avżah illi jekk kien ser jibqa' jirrifjuta milli jirriżenja mill-Bank Ċentrali kien ser jieħu passi. L-attur wieġeb b'ittra legali tal-11 ta' Novembru 2002 fejn sostna illi l-kondizzjoni li kien qed isemmi Serra ma kenitx fil-ftehim ta' bejniethom u ipprotesta li kien qed jiġi impedut milli jibqa' attiv fid-ditta. Talab li jingħata l-accounts għas-snin 2001 u 2002 u sabiex jitħallas nofs il-kummissjonijiet kollha dovuti mill-1 ta' Jannar 2001 'il quddiem.

15. Jack Serra, irrisponda permezz ta' ittra legali tal-21 ta' Novembru, 2002. Stqarr li kien qiegħed iħejji lista tal-kummissjonijiet li kienu ġew riċevuti fl-2002 pero' fl-istess ittra l-avukat tal-konvenut semma li Jack Serra *"told me that most of the cheques for the commissions received, if not all of them, were cashed by Mr Portelli who used to retain his share according to their agreement in spite of the fact that he was not active in the firm as he had promised and undertaken to be"* (fol. 18).

16. Meta l-attur xhed permezz ta' affidavit huwa ppreżenta prospett li fih jindika ammonti li hu qed jippretendi għas-snin 2001 sa 2005. Skond l-attur għas-sena 2001 kien hemm dovut l-ammont ta' Lm3,781 mill-kuntratt ta' Jungbunzlauer bħala kummissjonijiet għal xogħol li inbiegħ lil Foster Clarks Limited u Simonds Farsons Cisk Limited. Għas-sena 2002 kien hemm dovut l-ammont ta' Lm1,233 mill-kuntratt ta' Jungbunzlauer bħala kummissjonijiet għal xogħol li inbiegħ lil Foster Clarks Limited u Simonds Farsons Cisk Limited. Fis-sena 2002 kien hemm ukoll l-ammont ta' Lm290 dovut bħala kummissjoni għall-kuntratt li kien hemm ma' San Giorgio (Italia). Ikompli l-attur li kien hemm tlett kuntratti oħra li saru u li kienu dovuti l-kummissjonijiet fuqhom. Dak ma' Neriku Confectionary

fl-ammont ta' Lm3,220. Dak ma' Ħal-Caprat fl-ammont ta' Lm2,232 u dak ma Victor's Bakery fl-ammont ta' Lm2,962. Finalment l-attur niżżel ukoll l-ammonti ta' Lm4,025 għal kull sena, għas-snin 2003, 2004 u 2005 bħala kummissjonijiet fuq il-kuntratti li Foster Clarks Limited u Simonds Farsons Cisk Ltd kellhom ma' Jungbunzlauer.

17. Ir-rappreżentanta ta' Simonds Farsons Cisk xhedet li l-kumpanija ma żżommx informazzjoni li tmur lura aktar minn għaxar snin u li ma kien hemm ħadd li għadu jaħdem magħhom li kien jaf dak li kien qiegħed jintalab fit-taħrika. Rappreżentant oħra ukoll ta' Simonds Farsons Cisk xhedet u ppreżentat dokument li jmur lura sas-sena elfejn fejn indikat diversi ħlasijiet li saru lil Jack Serra Limited bejn is-sena 2000 u s-sena 2005. Għal finijiet ta' din il-kawża, u anke a bażi tal-iskrittura datata 28 ta' Marzu, 2001, huma rilevanti għall-mertu tal-kawża il-kummissjonijiet li tħallsu mill-1 ta' Jannar, 2001 'il quddiem. Skont id-dokument immarkat AW1 anness max-xhieda meħuda ta' Dr Alison Wadge, fid-29 ta' Jannar, 2001 Jack Serra Limited irċeviet is-somma ta' Lm470.82, fl-24 ta' Ottubru, 2002 irċeviet is-somma ta' Lm61 filwaqt li fit-18 ta' Ottubru, 2005 irċeviet is-somma ta' Lm38.94c. B'kollox Lm570.76 pari għal Eur1,329.51c. Mistoqsija b'min ġiet sostitwita Jack Serra Limited, ir-rappreżentanta ta' Simonds Farsons Cisk qalet li ma tafx.

18. Illi għalhekk l-uniku prova ta' flejjes li tħallsu lil Jack Serra Limited huma dawk li xehdet dwarhom Dr Wadge. Skont artikolu numru 2 tal-iskrittura datata 28 ta' Marzu, 2001 "*all commissions due after such date, but resulting from business transactions, made prior to that date, are to be divided equally as well as all and any expenses made in connection with the normal day to day running of the Firm, are also to be shared equally between the two associates*". (fol. 6). Id-data li għaliha issir referenza f'tali paragrafu hija l-1 ta' Jannar, 2001. Huwa minnu li hemm allegazzjoni fl-ittra datata 21 ta' Novembru, 2002 li "*... most of the cheques for the commissions recived, if not all of them, were cashed by Mr Portelli who*

*used to retain his share according to their agreement in spite of the fact that he was not active in the firm as he had promised and undertaken to be"*[8]. Pero tali allegazzjoni da parti tal-konvenuti Serra baqgħet ma ġietx sostanzjata. Kien l-oneru tal-konvenuti Serra li jippruvaw b'mod sodisfaċenti illi c-cheques kien isarrafhom l-attur u jieħu sehemu mill-ewwel. Isegwi illi mill-provi mressqa jirrizulta illi bejn is-sena 2001 u s-sena 2005 id-ditta Jack H Serra (imsejħa bħala Jack Serra Ltd mir-rappreżentata ta' Farsons Simonds Cisk) irċeviet is-somma ta' Eur1,329.51.

19. Provi oħra li jikkorraboraw xi dħul ieħor ma jirriżultawx b'mod indipendenti mill-atti proċesswali u allura l-prospett imressaq mill-attur mal-affidavit tiegħu ma jistax jittieħed bħala ppruvat. Jekk xejn, ir-rappreżentant ta' Simond Farsons Cisk turi proprju kemm l-ammonti indikati mill-attur ma humiex hekk ikkorraborati. Hekk per eżempju, l-attur jgħid li għas-sena 2001 id-ditta Jack H Serra kellha tirċievi l-ammont ta' 5% fuq is-somma ta' Eur11,770 b'kollox Eur588.50c. Dr. Wadge iddikjarat li skont id-dok. AW1 l-kumpanija minnha rappreżentata ħallset fid-29 ta' Jannar, 2001 is-somma ta' Lm470.82 pari għal Eur1096.71 għal fattura li ħarġet Jack Serra fid-19 ta' Ottubru, 2000.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

20. Kif rajna il-konvenut Jack Serra kien aġent tal-kummerċ. Kotba tal-kummerċ ma ġewx ippreżentati, la ta' qabel l-2001 u lanqas ta' wara. La meta l-aġenzija kienet qed titmexxa f'isem u fl-interess biss tal-konvenut Serra u lanqas meta l-aġenzija kienet qed titmexxa fl-interess sew tal-attur kif ukoll tal-konvenuti Serra.

[8] Fol. 18 tal-proċess

21. **Analiżżati l-provi miġjuba dwar x'introjtu kien hemm mill-2001 'il quddiem, il-qorti tqis illi l-unika ammont li l-attur irnexxielu jipprova huwa l-ammont ta' Eur1,329.51 kif fuq spjegat.** Skont l-affidavit tal-attur stess, "*dan il-ftehim, għalkemm jgħid li jinqasmu il-profitti nofs bin-nofs, madanakollu ftehmna verbalment li kull wieħed minnha jieħu 37.5% filwaqt li l-25% l-oħra imorru għall-ispejjes tan-negozju*".[9]Mela allura 37.5% ta' €1,329.51 huwa ekwivalenti għal **€498.57,** ċifra 'il bogħod sew minn dik li kien qed jitlob l-attur.

22. Deċiżi l-ewwel żewġ talbiet attriċi, l-qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra t-tielet talba fejn l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti Serra "unilateralment u abbużivament eskludew lill-attur mill-ġestjoni tan-negozju kostitwit bejniethom.".

23. Tajjeb jiġi mfakkar illi l-akkordju bejn l-attur u l-konvenut Serra kien neċessitat mill-fatt illi l-konvenut Serra kien avvanzat fl-eta' u kellu bżonn lil xi ħadd sabiex imexxi dak in-negozju flimkien miegħu. L-attur kien ilu għal ħafna snin jippresta s-servizzi tiegħu fuq bażi *part-time* u għalhekk l-għażla mill-konvenut Serra tal-attur kienet tista' tgħid waħda naturali.

24. Il-ftehim dam jitħaddem mill-1 ta' Jannar 2001 sa Ottubru 2002.

25. Il-konvenut insista illi l-ftehim verbali bejniethom kien li l-attur jirriżenja mill-impieg tiegħu mal-Bank Ċentrali sabiex jiddedika l-ħin lavorattiv tiegħu fil-ġestjoni tad-ditta li fiha kien daħal sħab. Skond il-konvenut Serra kien dan in-nuqqas da parti tal-attur li wassal sabiex il-ftehim ta' bejniethom jiġi fi tmiemu. L-attur jgħid illi qatt ma kien hemm ftehim f'dan is-sens bejniethom u jemfasizza illi fl-iskrittura ta' bejniethom ma hemm xejn f'dan ir-rigward.

---

[9] Fol. 26 tal-proċess

26. Il-konvenut Serra insista li meta ra li l-attur ma kienx irriżenja minn mal-bank kien avzah illi jekk sa Ottubru 2002 ma kienx ser jirriżenja minn mal-bank sabiex jiddedika l-hin kollu tiegħu fil-ġestjoni tal-attivita' kummerċjali li kellhom jagħmlu flimkien, Serra kien ser jittermina l-ftehim.

27. Il-Qorti temmen il-verzjoni li ta l-konvenut Serra anke għaliex ma hux verosimili illi l-konvenut jibda jaqsam mal-attur il-qliegħ kollu tiegħu filwaqt li l-attur jibqa' jikkontribwixxi bi ftit siegħat wara l-ħin tax-xogħol tiegħu mal-bank, kif kien ilu jagħmel għal bosta snin. Il-Qorti mhiex taċċetta l-verzjoni tal-attur illi la ma hemmx miktub fil-ftehim allura ma kienx hemm ftehim f'dak is-sens. Kif rajna l-attur stess jammetti illi dwar kif kellhom jaqsmu l-flus bejniethom kien hemm ftehim verbali li ivarja minn dak mitkub.

28. Kif ser naraw aktar 'il quddiem, hemm raġuni aktar gravi għaliex l-attur ma setax jeżerċita' l-atti tal-kummerċ flimkien mal-konvenut mingħajr ma jirriżenja l-impieg tiegħu mal-bank.

29. Hu x'inhu b'effett minn Ottubru 2002 l-attur ma tħalliex aktar jipparteċipa fil-ġestjoni ta' dan in-negozju u għalhekk ċertament li ma kkontribwixxa xejn aktar sabiex jiġi ġenerat dħul.

30. Fl-att promotur l-attur jgħid li hu u l-konvenuti "jiġġestixxu negozju ta' importaturi u kummercjanti li huwa regolat bi skrittura privata....". Dan mhux korrett għal kollox. Mill-kumpless tal-provi jirriżulta illi n-negozju li kien jiġġestixxi l-konvenut Serra u li fis-sena 2001 daħħal lill-attur miegħu bi sħab kien ta' aġent tal-kummerċ fis-sens illi mhux jimporta l-merkanzija u jbiegħa fis-suq lokali bi profitt iżda li jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ ma' ditti barranin għall-bejgħ bl-ingrossa lin-neġozji Maltin filwaqt li jieħu

kummissjoni fuq il-bejgħ li jkun ġie konkluż. Tant hu hekk illi fid-dikjarazzjoni ġuramentata annessa mal-att promtour l-attur jiddikjara:

"4. Illi l-attur interpella lill-konvenuti jgħaddu għall-likwidazzjoin u ħlas ta' sehmu mill-*commissions* a tenur ta' l-artikolu tnejn (2) ta' l-imsemmija skrittura......u interpellhom ukoll sabiex ineħħu kull impediment abbużivament magħmul minnhom għat-tmexxija konġjunta....."

31. Ir-relazzjonijiet bejn aġenti tal-kummerċ u l-prinċipali tagħhom u l-attivitajiet ta' aġenti tal-kummerċ f'Malta huma regolati bid-dispożizzjonijiet taħt **is-Sub-titolu IV tal-Kodiċi tal-Kummerċ intitolat "Fuq l-Aġenti tal-Kummerċ".** Fiż-żmien rilevanti dan is-sub titolu kien jipprovdi illi ħadd ma seta' jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ, sew waħdu kemm f'soċjeta' ma' oħrajn, mingħajr liċenza tal-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerċ.[10]

32. Dik il-liċenza ma kenitx tiġi mogħtija ħlief meta ssir talba bil-miktub lill-Kunsill hawn fuq imsemmi. Sabiex tingħata liċenza kien meħtieġ li l-applikant jissodisfa lill-Kunsill b'riferenzi bankarji, kummerċjali jew b'riferenzi oħra li huwa persuna kapaċi u tajba biex jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u li għandu konoxxenza biżżejjed tal-liġijiet u użi kummerċjali dwar ix-xogħol, jeddijiet u dmirijiet ta' l-aġenti tal-kummerċ. Ried ukoll jipprovdi ċertifikat ta' kondotta tajba mill-Kummissarju tal-Pulizija,[11]

33. <u>Ebda liċenza ta' aġent tal-kummerċ ma setgħat tingħata lil persuna li hija fl-impieg tal-Gvern ta' Malta jew ta' bank,</u> jew lil persuna li għandha warrant biex teżerċita professjoni f'Malta, u li fil-fatt tkun teżerċita dik il-professjoni.[12]

---

[10] Art. 71 (1) tal-Kodiċi tal-Kummerċ qabel ġie sostitwit bl-Att IX tal-2003
[11] Art. 71 (2)
[12] Art 71 (3)

34. Seta' jsir appell quddiem il-Qorti tal-Appell f'każ li applikazzjoni tiġi rifjutata filwaqt li liċenza maħruġa setgħat tiġi mħassra jew sospiża mill-Qorti tal-Appell fuq rikors tal-Avukat Ġenerali jekk il-pussessur tal-liċenza inter alia jaċċetta impieg taħt il-Gvern ta' Malta jew f'bank.[13]

35. Il-liġi viġenti fiż-żmien rilevanti kienet tipprovdi illi kull min waħdu jew fi sħab ma' ħaddieħor jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ kellu bżonn sabiex hekk jopera liċenza mill-Kamra tal-Kummerċ. Għalkemm l-attur jgħid li kien qed jiġġestixxi flimkien mal-konvenut Serra negozju taħt l-isem tad-ditta "Jack H. Serra", il-liġi kienet timponi fuqu l-obbligu li jottjeni liċenzja sabiex ikun jista' jaġixxi ta' aġent tal-kummerċ. Tant hu hekk illi permezz tal-kawża odjerna mhux jitlob salarju iżda nofs 'il-kummissjonijiet' li suppost ħallsu l-prinċipali tiegħu u tal-konvenut Serra.

36. A propositu fis-sentenza "**Rikors tal-Avukat Ġenrali v. V C**" mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-6 ta' Mejju, 1946 inżamm illi:

> Il-ligi (art. 75[14] tal-Kodici tal-Kummerc) tikkontempla l-kondizzjonijiet mehtiega biex persuna tista' taghmilha ta' agent tal-kummerc u tottjeni l-licenza relativa minn ghand il-Kunsill tal-Kamra tal-Kummerc, kif ukoll il-kazi meta dik il-licenza tista' tigi revokata jew sospiza. Dik il-licenza tista' tigi revokata jew sospiza mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maesta' Tieghu r-Re fuq talba ta' l-Attorney General, fost ragunijiet ohrajn, jekk il-possessur tal-licenza jigi misjub hati ta' delitt kontral-proprjeta' jew jigi fallit, jew jekk il-Qorti tkun soddisfatta li dik il-persuna mhix kapaci u tajba biex tkompli taghmilha ta' agent tal-kummerc. Dawn id-dispozizzjonijiet ghandhom jigu interpretati fis-sens illi l-licenza ta' l-agent tal-kummerc tista' tigi revokata jew sospiza mhux biss meta l-agent jinsab hati ta' delitt kontra l-proprjeta', jew jigi fallit, imma anki meta l-kondotta tieghugenerali hija tali li tiggustifika r-revoka jew is-sospensjoni tal-licenza.

[13] Art 71 (6) (c )
[14] Fiż-żmien rilevanti Art. 71 tal-Kap. 13

37. Isegwi minn dan illi effettivament l-attur ma setax jagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u jitlob il-kummissjonijiet jekk qabel xejn ma jkunx talab u ottjena liċenzja bħala aġent tal-kummerċ. Bil-fatt li n-negozju kien qed jiġi ġestit minnu u mill-konvenut Serra taħt l-isem *Jack H. Serra* ma jbiddel xejn mill-obbligu statutorju impost fuq kull persuna li ser tagħmilha ta' aġent tal-kummerċ u titlob kummissjonijiet li tottjeni liċenza. L-attur ma jikkontestax li fiż-żmien rilevanti kollu huwa kien impjegat mal-Bank Ċentrali ta' Malta. Isegwi illi bħala impjegat ta' bank ma seta' qatt jaġixxi bħala aġent tal-kummerċ. L-artikoli tal-Kodiċi tal-Kummerċ li l-Qorti għadha kemm għamlet referenza għalihom huma ta' ordni pubbliku u għandhom jiġu segwiti *ad unguem*.[15] Dan appena kkonsidrat ikompli jsaħħaħ id-difiża tal-konvenuti Serra illi l-attur kien intrabat illi jirriżenja minn mal-Bank Ċentrali sabiex il-ftehim ta' bejniethom seta jiġi eżegwit mill-attur.

38. Pero' anke jekk għas-saħħa tal-argument il-Qorti ma kelliex tieħu in konsiderazzjoni in-nuqqas tal-attur li jottjeni l-liċenza ta' aġent tal-kummerċ, l-ammonti minnu reklamati tista' tgħid li kważi kollha ma ġewx sodisfaċentement ippruvati.

39. Fis-sena 2001, meta ġiet iffirmata l-iskrittura datata 28 ta' Marzu, 2001, il-konvenut Jack Serra kellhu ħamsa u disgħin (95) sena filwaqt li martu kellha erbgħa u disgħin (94) sena. Ines Serra kienet diġa qegħda tbagħti min dementia u f'Ottubru, 2000 tneħħa isimha min fuq ir-reġistru elettorali.[16]

40. Fix-xhieda tiegħu l-attur jgħid illi *"jidher iżda illi ftit xhur wara, xi ħadd mit-tfal dehrlu li ma ħax jew maħaditx ġost b'din il-mossa tant li l-affarijiet bdew sejrin mill-ħażin għall-agħar. Spiċċa sabiex talabni ċ-ċavetta ta' l-*

[15] Art. 73 tal-Kap. 13 kif viġenti fiż-żmien rilevanti kien jipprovdi illi min jaġixxi ta' aġent tal-kummerċ mingħajr liċenza seta' jeħel multa ta' Lm50.00 u f'każ ta' reċidiva tlett xhur priġunerija.
[16] Fol. 303 tal-proċess

*uffiċju bl-iskuża li fid-dar tiegħu kien ġej it-tifel tiegħu mill-Kanada*"[17] Din il-verżjoni tal-attur ma hiex kredibbli mhux biss għaliex hija 'hearsay' iżda wkoll għaliex Alfred Serra kien ġie Malta għal btala mill-Canada fis-sena 2004 u allura 3 snin wara li ġiet iffirmata l-iskrittura datat 28 ta' Marzu, 2001 u mhux ftit xhur wara.

41. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti ma ssibx illi l-konvenuti aġixxew b'mod abbużiv meta waqfu l-ftehim ta' bejniethom għaliex l-attur ma kienx temm l-impieg tiegħu mal-Bank Ċentrali ta' Malta. Fi kwalunkwe każ l-attur naqas milli jġib provi dwar id-danni minnu reklamati in konnessjoni ma' din il-pretensjoni tiegħu.

42. Konsegwentement qed tiċħad it-tielet talba attriċi. Tiċħad ukoll ir-raba' u l-ħames talba attriċi peress li marbuta intrinsikament mat-tielet talba.

43. Għaldaqstant tqis illi l-uniku ammont li l-attur għandu jedd għalih huwa s-somma **€498.57, li qed tiġi arrotondata għal ħames mitt ewro (€500).**

44. Dwar il-**kap tal-ispejjeż,** tenut kont li l-attur kien qed jitlob il-ħlas tas-somma ta' €61,476.28[18] u qed jiġi kanonizzat biss fis-somma ta' €498.57; tenut kont iċ-ċirkostanzi partikolari kollha ta' dan il-każ, b'mod partikolari id-diffikultajiet li ġew riskontrati mill-attur sabiex iressaq il-provi tiegħu; tqis illi bi tħaddim tal-Artikolu 223 (3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

---

[17] Fol. 26 tal-proċess

[18] Ara fol. 29 - ekwivalenti għal Lm26,396

**<u>Decide</u>**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet tal-konvenuti konformement ma' dak hawn fuq ikkunsidrat u deċiż,

1. **Tilqa' in parte** l-ewwel u t-tieni talba, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur fis-somma ta' ħames mitt ewro (€500).

2. **Tiċħad** it-tielet, ir-raba' u l-ħames talbiet attriċi.

3. **Tilqa'** s-sitt talba, tikkundanna lill-konvenuti iħallsu lill-attur is-somma ta' €500.00 bl-imgħax legali millum sad-data tal-effetti pagament.

**Bl-ispejjeż** jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
30 ta' Novembru, 2023

**Deputat Reġistratur**